



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' April 2024  
(OR. en)

8517/24  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0079(NLE)

---

---

EDUC 114  
SOC 253  
JEUN 75  
DIGIT 102  
ENV 388

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                      |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                            |
| data meta waslet: | 27 ta' Marzu 2024                                                                                                                                    |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                           |
| Nru dok. Cion:    | COM(2024) 147 final                                                                                                                                  |
| Suġġett:          | ANNESSI ta' Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità u tar-Rikonoxximent fl-Edukazzjoni Għolja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 147 final.

Mehmuż: COM(2024) 147 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.3.2024  
COM(2024) 147 final

ANNEXES 1 to 3

## **ANNESI**

**ta'**

**Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill**  
**dwar sistema Ewropea tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità u tar-Rikonoxximent fl-**  
**Edukazzjoni Għolja**

{SWD(2024) 74 final}

## **ANNESS I**

### **Elementi kostitwenti għal Qafas ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità Transistituzzjonali tal-alleanzi tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja**

#### **1. INTRODUZZJONI**

L-elementi kostitwenti li ġejjin huma fformulati biex iservu bħala bażi għall-iżvilupp ta' qafas sħiħ għal approċċ ta' assigurazzjoni tal-kwalità transistituzzjonali għdid għall-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Dawn jibnu fuq l-eżiti tal-proġetti QA-FIT u IMINQA ffinanzjati minn Erasmus+. Dawn l-elementi kostitwenti ġew żviluppati flimkien mal-partijiet ikkonċernati tal-assigurazzjoni tal-kwalità u mhumie x maħsuba biex jiddupplikaw proċessi oħra tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Dawn se jkomplu jiġu żviluppati b'mod konġunt flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni għolja. Dawn se jservu bħala għodda volontarja li l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jużaw biex jiżguraw il-kwalità u l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom ġestiti b'mod konġunt.

#### **2. SKOP**

F'konformità mal-prinċipji tal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG)<sup>1</sup>, l-evalwazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità għandha tgħaqqad iż-żewġ għanijiet ta' responsabbiltà u ta' titjib, jiġifieri:

- (a) tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-Alleanza u tappoġġja lill-Alleanza fil-kisba tal-oġġettivi tagħha; u
- (b) tippermetti lill-Alleanza turi l-kwalità tal-attivitajiet tagħha ġestiti b'mod konġunt.

B'riżultat ta' dan, l-evalwazzjoni, li għandha titwettag minn aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità magħżula mill-Alleanza, għandha:

- (a) tirrikonoxxi li l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja hija Alleanza, skont it-tifsira ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- (b) twassal għal tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-Alleanza billi tippermetti li l-attivitajiet ġestiti b'mod konġunt ikollhom il-kwalità assigurata b'mod estern u b'mod konġunt darba matul perjodu stabbilit ta' validità, minflok ma jkunu soġġetti għal diversi sistemi nazzjonali esterni ta' assigurazzjoni tal-kwalità; u
- (c) tiffaċilita l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-għoti konġunt tal-edukazzjoni mill-Alleanzi, pereżempju, programmi konġunti jew mikrokredenzjali.

#### **3. PRINĊIPJI**

Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni żviluppata mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għandha:

- (a) tirrifletti l-awtonomija u d-diversità tal-Alleanzi;
- (b) tinkoraġġixxi xi Alleanza biex tistabbilixxi sistema interna konġunta tal-assigurazzjoni tal-kwalità li tkopri d-dispożizzjoni edukattiva konġunta kollha tagħha;

---

<sup>1</sup> [European Standards and Guidelines for Quality Assurance in the EHEA 2015 MC 613727.pdf](https://ec.europa.eu/ehea/ehea-standards-guidelines-quality-assurance-2015-mc-613727.pdf).

- (c) issegwi prinċipju ta' darba biss: l-għoti konġunt tal-edukazzjoni għandu jkun esternament assigurat darba biss fl-istess perjodu ta' validità; u
- (d) tintegra l-partijiet rilevanti kollha tal-ESG, l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti u, fejn rilevanti, il-kriterji Ewropej għal lawrja Ewropea stabbiliti fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

#### **4. ELIĠIBILTÀ**

L-evalwazzjoni għandha tkun miftuħa għal kwalunkwe Alleanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja.

L-Alleanza għandu jkollha xi forma interna tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tal-Alleanza li tiegħu r-responsabbiltà ta' ċerti attivitajiet ġestiti b'mod konġunt.

#### **5. KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

L-enfasi tal-evalwazzjoni għandha tkun l-effettività tal-mekkaniżmi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tat-titjib tal-kwalità tal-Alleanza.

#### **6. L-ALLEANZA GħANDHA TIDDETERMINA U TAGĦMEL TRASPARENTI DAWK L-GĦOTI KONĠUNT TAL-EDUKAZZJONI U L-ATTIVITAJIET EDUKATTIVI LI HUMA SOĠĠETTI GħALL-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ INTERNA KOMUNI FIL-LIVELL TAL-ALLEANZA. KARATTERISTIĊI EWLENIN**

L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq standards li jinkorporaw bis-sħiħ il-Parti 1 tal-ESG.

L-istandards għandhom jinkludu wkoll konferma li l-assigurazzjoni tal-kwalità interna tal-Alleanza tiżgura li:

- (a) il-programmi edukattivi konġunti offruti mill-Alleanza jikkonformaw mal-istandards tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti; u
- (b) il-programmi edukattivi konġunti jissodisfaw il-kriterji Ewropej biex iwasslu t-tikketta Ewropea, jew kif xieraq, il-lawrja Ewropea, jekk l-Alleanza tiddeċiedi li tagħtiha.

L-evalwazzjoni għandha titwettaq minn aġenzija waħda rreġistrata fl-EQAR, magħżula mill-Alleanza.

L-evalwazzjoni għandu jkollha metodoloġija u proċedura konsistenti, li għandhom jiġu stabbiliti f'qafas sħiħ li għandu jiġi żviluppat abbażi ta' dawn l-elementi kostitwenti, li huma applikati irrispettivament mill-aġenzija rreġistrata fl-EQAR li twettaq l-evalwazzjoni.

Il-metodoloġija għandha tiżgura li kull proċedura tkun imfassla għall-Alleanza individwali, filwaqt li tqis il-missjoni, il-kompożizzjoni tal-Alleanza (pereżempju, id-daqs u l-firxa ġeografika), u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ġestiti b'mod konġunt.

#### **7. RIŻULTATI U KONSEGWENZI**

L-evalwazzjoni għandha tirriżulta f' deċizzjoni mill-aġenzija rreġistrata fl-EQAR, li tista' tkun pożittiva, pożittiva b'kundizzjonijiet jew negattiva.

Deċizzjoni pożittiva ta' evalwazzjoni għandha tagħti lill-Alleanza d-dritt li:

- (a) takkredita lilha nnifsha l-għoti konġunt tal-edukazzjoni tagħha koperta permezz tal-evalwazzjoni, bl-użu tal-istandards tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunt; u
- (b) tuża t-tikketta Ewropea għal dawk il-programmi li jikkonformaw mal-kriterji tal-lawrja Ewropea (tikketta), u tagħti, jekk possibbli u fuq bażi volontarja, lawrja Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu deċiżjoni pożittiva ta' evalwazzjoni kif ġej:

- (a) għall-assigurazzjoni nazzjonali tal-kwalità esterna fil-livell istituzzjonali: jeżentaw kull dispożizzjoni tal-edukazzjoni konġunta li hija koperta minn assicurazzjoni tal-kwalità interna konġunta li għaddiet mill-evalwazzjoni li tgħaddi minn proċeduri nazzjonali addizzjonali ta' assicurazzjoni tal-kwalità; u
- (b) għall-assigurazzjoni nazzjonali tal-kwalità esterna fil-livell ta' programm: jeżentaw il-programmi kollha li huma koperti minn assicurazzjoni tal-kwalità interna konġunta li għaddew mill-evalwazzjoni li jgħaddu minn proċeduri nazzjonali addizzjonali ta' assicurazzjoni tal-kwalità.

## ANNEX II

Il-kriterji Ewropej jistabbilixxu l-karatteristiċi ewlenin tal-lawrja Ewropea u t-tikketta Ewropea. Dawn jiggarrantixxu r-rispett tal-ogħla standards biex jiġu offruti programmi transnazzjonali u lawrji transnazzjonali u jispjegaw għaliex huma differenti minn lawrji mogħtija f'partijiet oħra tad-dinja.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu jistgħu jagħtu l-lawrja Ewropea abbażi ta' valutazzjoni minn strutturi nazzjonali eżistenti (pereżempju, aġenziji nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità) dwar jekk il-programm konġunt jissodisfax dawn il-kriterji Ewropej kollha.

Il-kriterji Ewropej proposti li huma ppreżentati hawn taħt huma r-riżultat ta' ħidma kollaborattiva enormi u l-ittestjar li involvew aktar minn **140 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Istati Membri kollha, 17-il ministeru u 20 aġenzija nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità, organizzazzjonijiet tal-istudenti u sħab ekonomiċi u soċjali.**

| <b>Kriterji Ewropej għal lawrja Ewropea (tikketta)</b>  |                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | <b>Livelli tal-QEK</b> |
|---------------------------------------------------------|--------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|
| Organizzazzjoni u ġestjoni ta' programm transnazzjonali | Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja involuti | Il-programm konġunt huwa offrut minn, mill-inqas, żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja minn, mill-inqas, żewġ Stati Membri differenti.                                                                                                                                                                                                                        | 6, 7, 8                |
|                                                         | Għoti ta' lawrja konġunta transnazzjonali        | Il-programm konġunt huwa mfassal b'mod konġunt u mġoti b'mod konġunt permezz tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kollha involuti.                                                                                                                                                                                                                             | 6, 7, 8                |
|                                                         |                                                  | Il-programm konġunt iwassal għall-għoti ta' lawrja konġunta.                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | 6, 7, 8                |
|                                                         |                                                  | Jinħareġ Suppliment għad-Diploma <sup>2</sup> konġunta lill-istudenti.                                                                                                                                                                                                                                                                                                | 6, 7                   |
|                                                         |                                                  | Il-programm konġunt jiddeskrivi l-eżiti tal-apprendiment u l-kreditu f'konformità mal-Gwida għall-Utenti tal-ECTS.                                                                                                                                                                                                                                                    | 6, 7                   |
|                                                         | Arranġamenti konġunti għall-programm konġunt     | Il-programm konġunt għandu politiki, proċeduri u/jew arranġamenti konġunti li jiddefinixxu l-ippjanar u t-twettiq tal-kurrikulu, kif ukoll il-kwistjonijiet organizzattivi u amministrattivi kollha.<br>Ir-rappreżentanti tal-istudenti huma parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiddefinixxu l-politiki u l-proċeduri u/jew l-arranġamenti konġunti. | 6, 7, 8                |
|                                                         | Arranġamenti ta' assicurazzjoni tal-kwalità      | L-Assigurazzjoni tal-Kwalità interna u esterna titwettaq f'konformità mal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG). L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-qasam ta' studju jew il-programm jiġu evalwati minn aġenzija rreġistrata fl-EQAR.                                                  | 6, 7, 8                |
|                                                         |                                                  | Il-programm konġunt huwa evalwat bl-użu tal-istandards tal-approċċ Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-programmi konġunti (EA).                                                                                                                                                                                                                              | 6, 7, 8                |

<sup>2</sup>

[Is-suppliment għad-Diploma | Europass.](#)

|                             |                                                                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |         |
|-----------------------------|----------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|                             | Stħarriġ dwar il-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati           | Il-programm konġunt jimmonitorja lill-gradwati permezz ta' sistema ta' monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | 6, 7, 8 |
| Esperjenza ta' apprendiment | Apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti                         | Il-programm konġunt huwa mfassal u msaħħaħ u mwassal kontinwament b'mod li jhegġegħ lill-istudenti jieħdu rwol attiv fil-proċess ta' apprendiment. Il-valutazzjoni tal-istudenti tirrifletti dan l-approċċ.                                                                                                                                                                                                                    | 6, 7, 8 |
|                             | Interdixxiplinarjetà                                           | Il-programm konġunt jinkludi komponenti integrati ta' interdixxiplinarjetà.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | 6, 7, 8 |
|                             | Rilevanza għas-suq tax-xogħol                                  | Il-programm konġunt jallinja mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol billi jinkorpora komponenti jew attivitajiet intersettorjali <sup>3</sup> u l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali.                                                                                                                                                                                                                                                   | 6, 7, 8 |
|                             | Ħiliet diġitali                                                | Il-programm konġunt jinkludi komponenti u azzjonijiet marbuta mal-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati tal-istudenti, imfassla għall-kapaċitajiet u ċ-ċirkostanzi tal-programm konġunt, filwaqt li jiżgura l-allinjament mal-kamp ta' applikazzjoni u l-fokus akkademiku tiegħu.                                                                                                                                             | 6, 7, 8 |
|                             | Kampus transnazzjonali – aċċess għas-servizzi                  | Il-programm għandu politiki konġunti għall-istudenti u l-persunal biex ikollhom aċċess għas-servizzi rilevanti fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti kollha skont kundizzjonijiet ekwivalenti bħall-istudenti rreġistrati kollha u l-persunal lokali kollu.                                                                                                                                                  | 6, 7, 8 |
|                             | Mobilità flessibbli u inkorporata tal-istudenti                | Il-programm konġunt joffri esperjenza interkulturali profonda, inkluż perġodu minimu ta' sena ta' mobilità fiżika tal-istudenti (li tista' tinqasam f'diversi soġġorni) f'istituzzjoni msieħba waħda jew aktar li jirrappreżentaw, b'mod ġenerali, mill-inqas 60 ECTS fil-livell 6 tal-QEK u 30 ECTS fil-livell 7 tal-QEK. Il-programm konġunt għandu politika li toffri alternattivi għal studenti li ma jistgħux jivvjaġġaw. | 6, 7    |
|                             |                                                                | Il-programm konġunt joffri esperjenza interkulturali profonda, inkluż it-total ta' mill-inqas sitt xhur ta' mobilità fiżika f'istituzzjoni msieħba waħda jew aktar. Il-programm konġunt għandu politika li toffri alternattivi għal studenti li ma jistgħux jivvjaġġaw.                                                                                                                                                        | 8       |
|                             | Kovalutazzjoni u superviżjoni konġunta għad-dissertazzjonijiet | Id-dissertazzjonijiet huma taħt is-superviżjoni ta' mill-inqas żewġ superviżuri u kovalutati minn koesuperviżuri jew minn kumitat b'membri minn tal-anqas żewġ istituzzjonijiet differenti li jinsabu f'żewġ pajjiż differenti.                                                                                                                                                                                                | 8       |
| Valuri Ewropej              | Valuri demokratiċi                                             | Il-politiki konġunti tal-programm konġunt jippromwovu u jaderixxu mal-valuri demokratiċi.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | 6, 7, 8 |
|                             | Multilingwiżmu                                                 | Matul il-programm konġunt, kull student huwa espost għal mill-inqas żewġ lingwi differenti tal-UE.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             | 6, 7, 8 |
|                             | Inklużività                                                    | Il-programm konġunt jimpenja ruħu għal parteċipazzjoni wiesgħa billi jrawwem id-diversità, l-ugwaljanza u l-                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | 6, 7, 8 |

<sup>3</sup> Il-komponenti u l-attivitajiet intersettorjali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, elementi bħall-kooperazzjoni mas-setturi ekonomiċi u soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kurrikuli, l-internships, it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, is-sekondar/kollokament, il-volontarjat, it-tagħlim tas-servizzi, l-approċċi bbażati fuq l-isfidi.

|  |                        |                                                                                                                                                                              |        |
|--|------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------|
|  |                        | inklużjoni u billi jadotta miżuri mfassla apposta biex jappoġġa studenti u persunal b'inqas opportunitajiet.                                                                 |        |
|  |                        | Il-programm konġunt jimpenja ruħu li jirrispetta l-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi.                                                                             | 8      |
|  | Tranżizzjoni ekoloġika | Il-programm konġunt għandu politiki u azzjonijiet marbuta mas-sostenibbiltà ambjentali u jimplimenta miżuri biex jimminimizza l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tiegħu. | 6.7, 8 |



## Glossarju tat-Termini

MT

f'dan id-dokument biex jiddeskrivi l-attivitajiet kollha fiċ-ċiklu ta' titjib kontinwu, jiġifieri, kemm l-attivitajiet ta' responsabbiltà kif ukoll l-attivitajiet ta' titjib.

- (a) **Assigurazzjoni tal-kwalità interna** tirreferi għall-proċessi mwettqa internament mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stess. Dawn normalment jiġu żviluppati bħala parti mill-istrateġija ta' assicurazzjoni tal-kwalità ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jirrikonoxxu r-responsabbiltà primarja tagħhom għall-kwalità tad-dispożizzjonijiet tagħhom u tal-assigurazzjoni tagħha.
- (b) **Assigurazzjoni tal-kwalità esterna** tirreferi għall-proċessi mwettqa mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
- (c) **Approċċ istituzzjonali għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jfisser li l-istituzzjoni jenħtieġ li tgħaddi minn proċess estern ta' assicurazzjoni tal-kwalità fil-livell istituzzjonali biss, biex tivvaluta l-effettività tal-proċessi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istituzzjoni, u jekk l-istituzzjoni għandhiex kultura ta' kwalità matura biżżejjed biex tiżgura l-kwalità għolja tad-dispożizzjonijiet ta' tagħlim tagħha. Dan jippermetti lill-istituzzjoni tiżviluppa u twettaq programmi mingħajr il-ħtieġa ta' rieżami estern tal-kwalità fil-livell tal-programm (f'ħafna pajjiżi, din tissejjaħ awtoakkreditazzjoni).
- (d) **Approċċ ta' programm għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jfisser li kull programm individwali (jew grupp ta' programmi) li għandu jingħata minn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja waħda jew aktar jeħtieġ li jgħaddi minn rieżami estern tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
- (e) **Approċċ ikkombinat għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jirreferi għal sitwazzjoni fejn sistema tal-edukazzjoni għolja jkollha approċċi kemm istituzzjonali kif ukoll ta' programm għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna. Dan huwa l-każ fil-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-UE<sup>5</sup>.

---

<sup>5</sup> Skont it-tweġibiet għal sħarriġ tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, 14-il ministeru rrapportaw li japplikaw approċċ ikkombinat għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna.